

32005R2027

14.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 327/5

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2027/2005

tat-13 ta' Diċembru 2005

**dwar il-ftuħ ta' kwota tariffarja għas-sena 2006 għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' xi oġġetti mill-Iżlanda li jkunu ġew mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli li jissemew fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jstabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli <sup>(1)</sup>, b'mod partikolari, l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/492/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-konklużjoni tal-ftehim taħt forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea minn naħa u r-Repubblika ta' l-Iżlanda mill-oħra, dwar il-Protokoll Nru 2 tal-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

- (1) Il-ftehim taħt forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea minn naħa u r-Repubblika ta' l-Iżlanda mill-oħra dwar il-Protokoll Nru 2 tal-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda, approvat bid-Deċiżjoni 1999/492/KE, jstabbilixxi kwota tariffarja annwali applikabbli għall-importazzjoni ta' prodotti taz-zokkor, ċikkulata u prodotti oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw li joriġinaw mill-Iżlanda. Din il-kwota għandha tinfetħ għas-sena 2006.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa ċerti dispożizzjonijiet

ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-kodiċi doganali Komunitarju <sup>(3)</sup>, jiffissa r-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Jie-tieġ li jkun previst li l-kwota tariffarja miftuħa permezz ta' dan ir-Regolament titmexxa skond dawn ir-regoli.

- (3) Il-miżuri mniżżla f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-kwistjonijiet orizzontali dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex imniżżla fl-Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2006, l-oġġetti importati fil-Komunità mill-Iżlanda li jidhru fl-Anness huma suġġetti għad-dazji indikati f'dan l-Anness fil-limitu tal-kwota annwali msemmija hemmhekk.

## Artikolu 2

Il-kwota tariffarja msemmija fl-Artikolu 1 tiġi ġestita mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308(a), 308(b) u 308(c) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidhrol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-13 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni  
Gunter VERHEUGEN  
Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 5).

<sup>(2)</sup> ĠU L 192 ta' l-24.7.1999, p. 47.

<sup>(3)</sup> ĠU L 253 tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148 tal-11.6.2005, p. 5).

## ANNEX

Numru ta' l-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwota	Rata tad-dazju applikabbli
09.0799	1704 90 10	Ħelu (inkluża ċikkulata bajda) mingħajr kawkaw tas-subintestatura tal-kodiċi NM 1704 90	500 tunnellata	50 % tar-rata tad-dazju ta' pajjiż terz (*) b'massimu ta' € 35.15/100 kg
	1704 90 30			
	1704 90 51			
	1704 90 55			
	1704 90 61			
	1704 90 65			
	1704 90 71			
	1704 90 75			
	1704 90 81			
	1704 90 99			
	1806 32 10	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn ta' l-ikel li fihom il-kawkaw tas-subintestatura tal-kodiċi NM 1806 32, 1806 90, 1905 31 u 1905 32.		
	1806 32 90			
	1806 90 11			
	1806 90 19			
	1806 90 31			
	1806 90 39			
	1806 90 50			
	1806 90 60			
	1806 90 70			
	1806 90 90			
	1905 31 11			
	1905 31 19			
	1905 31 30			
	1905 31 91			
	1905 31 99			
	1905 32 11			
	1905 32 19			
1905 32 91				
1905 32 99				

(\*) Rata ta' dazju għall-pajjiżi terzi: ir-rata magħmula minn dazju *advalorem* biż-żieda, fejn meħtieġ, ta' l-element agrikolu, limitat għar-rati massimi skond kif tippredidh it-tariffa komuni doganali.